MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 1041/2010

***Mobisle Communications Limited***
***C – 24655***

***Vs***

***Louis Falzon***
***I.D.354660(M)***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elf seba' mija hamsa u ghoxrin Ewro, wiehed u tmenin centezmu (€1,725,81), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil *Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru *419544* u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut pprezenta ruhu quddiem dan it-Tribunal fis-seduta tat-2 ta’ Mejju, 2011, li ammetta li kien debitur fil-konfront tas-socjeta’ attrici u li minhabba problemi ta’ sahha, kellu problemi biex ihallas l-ammont f’salt, izda kien dispost li jasal f’arrangjament biex ihallas mensilment.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Il-konvenut mhuwiex qed jikkontesta t-talbiet attrici, anzi minflok jammetti li kellu debitu mas-socjeta’ attrici.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ elf seba’ mija hamsa u ghoxrin Ewro, wiehed u tmenin centezmu (€1,725,81), bl-ispejjez u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------